# *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija*

# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

***LEĦEN IL-PARROĊĊA - Awissu 2012 - Nru. 357***



# Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Fl-Evanġelju ta' San Mattew f'Kapitlu 11 Versi 28-30, għandna stedina mingħand Ġesu'.... "Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif."

Mela Ġesu' stess qed iħeġġiġna u jistedinna biex immorru għandu, speċjalment f'waqtiet li fihom inħossuna mħabbtin bil-problemi tal-ħajja, ħalli hu jserraħna. Ġesu' qed jitkellem fuqu nnifsu bħala persuna ta' qalb ħelwa u umli. Il-qalb hija simbolu tal-Imħabba u allura l-imħabba kbira ta' Ġesu' lejna m'għandhiex limitu.

Għalhekk aħna għandna garanzija li għandna għand min immorru fit-tbatija tagħna. Aħna għandna lil Ġesu' Kristu, veru Alla u veru Bniedem. Hu jixtieqna nersqu lejh biex insibu l-mistrieħ ta' ruħna. Inkunu żbaljati meta mingħalina li nistgħu insolvu l-problemi li jinqalgħu fil-ħajja tagħna waħedna mingħajr l-għajnuna t'Alla.

Għeżież, ma nħallux din l-istedina ta' Ġesu' tidħol minn widna u toħroġ mill-oħra. Problemi kellna, għad għandna u ser jibqa' jkollna. Għalhekk ejjew flimkien bħala komunita' parrokkjali nersqu lejn Ġesu' u nitolbuh jgħinna fil-bżonnijiet tagħna.

Tkunu mberkin!
P. Joseph Mamo ofm.Conv

# L-Ewwel Tqarbina 2012

Dawn huma t-tfal tal-Preċett li nhar l-10 ta' Ġunju 2012 irċevew għall-ewwel darba lil Ġesu' Ewkaristija.



Agius Kaia
Agius Maia
Bellizzi Luca
Bonnet Teighan
Borg Jes
Borg Krist
Borg Mariah
Borg Owen
Camilleri Michaela
Farrugia Lilia
Farrugia Matthew
Gauci Thea
Grech Stefania
Grima Shanelle
Muscat Mark
Sperandeo Stephen
Zarb Alicia

NB. Il-Ġenituri huma mħeġġa biex jiġbru d-DVD tal-Preċett ta' wliedhom mill-Uffiċċju Parrokkjali. Għar-ritratti ikkuntattjaw lis-Sur John Magro fuq in-numri 21410700 jew 79410700.

# Grizma ta' tal-Isqof 2012

Dawn huma ż-żgħażagħ adulti li nhar it-8 ta' Lulju 2012 irċevew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof mid-delegat tal-Arċisqof Mons. Alfred Xuereb.



Agius Krista
Borg Charlize
Camilleri Nicole
Debattista Miguel
Farrugia Luca
Farrugia Ryan
Grech Charlene
Gauci Gail
Gauci Samantha
Hili Marianne
Musat Dylan

# Ħsieb Spiritwali

## Il-Beatu Ġwanni Pawlu 11 – *Il-Pontifikat*



Fl-1978 Karol Wojtyla daħal fl-istorja billi ta' 58 sena sar l-ewwel Papa mhux Taljan wara aktar minn erba' mitt sena. Huwa kien il-263 suċċessur ta' San Pietru. Bħala Papa hu vvjaġġa d-dinja billi żar aktar minn 129 pajjiż biex ixerred il-messaġġ ta' fidi, tama u mħabba. Ibbeatifika 1340 persuna u kkanonizza 483 qaddisin. Ix-xewqa tiegħu kienet li *'jpoġġi l-Knisja tiegħu fil-qalba ta' alleanza reliġjuża ġdida li ġġib flimkien Lhud, Musulmani u Kristjani.'* Il-motto li għażel għall-pontifikat tiegħu kien **TOTUS TUUS** li jfisser **Kollni Tiegħek**.

L-ewwel kliem li qal Karol Wojtyla hekk kif bla xejn mistenni ġie vvutat wara l-Papa Ġwanni Pawlu 1, li miet wara 33 jum biss bħala Papa, kienu dawn: *'B'ubbidjenza u b'fidi fi Kristu, il-Mulej tiegħi, u b'fiduċja fl-Omm ta' Kristu u tal-Knisja, minkejja diffikultajiet kbar, jien naċċetta.'* Kif deher fuq il-gallarija qal fost l-oħrajn: *'Jien kont qed nibża' naċċetta din ir-responsabbilta', imma qed naċċetta fl-ispirtu ta' ubbidjenza lejn il-Mulej u ta' fedelta' sħiħa lejn Marija, l-Omm Qaddisa tagħna. Qed nitkellem magħkom bil-lingwa tagħkom – le, tagħna, it-Taljan. Jekk niżbalja, jekk jogħġobkom, ikkoreġuni.'*

Ġwanni Pawlu 11 ma riedx li ssir l-Inkoronazzjoni Papali, imma biss inawgurazzjoni sempliċi. Waqt din, x'ħin il-Kardinali tbaxxew quddiemu biex jagħmlu l-wegħdi u jbusulu ċ-ċurkett, hu qam bil-wieqfa x'ħin il-Kardinal Pollakk Stefan Wyszynski, Prelat tal-Polonja, ġie quddiemu. Karol ma ħalliehx jitbaxxa jbuslu ċ-ċurkett, u minflok għannqu miegħu.

Gwanni Pawlu11 kien il-Papa li ġabar l-akbar folol fl-istorja tal-umanita'. Fil-quddiesa f'Manila l-Filippini għall-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-żgħażagħ, jistmaw li kien hemm bejn 5 u 7 miljun ruħ. Fl-ewwel vjaġġ li għamel lejn art twelidu l-Polonja ferraħ l-ispirtu tan-nazzjon u qanqal it-twaqqif tal-Moviment Solidarjeta' fl-1980 li aktar tard ġab il-ħelsien u d-drittijiet umani lil dik l-art li kienet sofriet wisq. Kliemu u l-vjaġġi ta' wara lejn il-Polonja għenu biex waqa' l-Komuniżmu fl-Ewropa tal-Lvant. F'Marzu 2000 f'Ġerusalemm kien l-ewwel Papa fl-istorja li żar u talab ħdejn il-Ħajt tal-Punent. Gwanni Pawlu 11 kien ukoll l-ewwel Papa li talab f'Moskea Iżlamika f'Damasku s-Sirja fl-2001.

Gwanni Pawlu 11 kiteb 14 il-Enċiklika. Fil-*Novo Millennio Ineunte*, hu emfasizza l-importanza li ***'nibdew mill-ġdid minn Kristu'***. Jgħid hekk: ***'Le m'aħniex se nkunu salvati minn xi formula imma minn Persuna.'*** Fil-*Veritatis Splendor*, hu jisħaq li l-bniedem jiddependi fuq Alla u fuq il-liġi tiegħu u jgħid li ***'Mingħajr il-Ħallieq, il-maħluq jisparixxi.'*** Hu jwissi li l-bniedem tal-lum qiegħed iċedi għar-relativiżmu, u qed ifittex ħelsien illużorju (fl-immaġinazzjoni) 'il barra mill-verita' innifisha. Jgħid illi ma jfissirx ***'li l-verita' dejjem qegħda fl-għażla tal-maġġoranza tan-nies.'*** Wissa illi meta l-liberta' m'għandhiex skop, meta ma jinteressahiex mill-liġi li hemm imnaqqxa f'kull qalb tal-bniedem, meta l-liberta' ma tismax il-leħen tal-kuxjenza, din l-istess liberta'
iddur kontra l-umanita' u s-soċjeta'. Jitkellem ukoll fuq id-dinjita' tal-mara u l-importanza tal-familja għall-futur tal-umanita'. Jgħid illi t-tkissir tal-familja jwassal għat-tkissir tan-nazzjon u tad-dinja kollha li ngħixu fiha. Qal illi ***'ħajja ta' familja biex tkun ferħana jirrikjedi illi l-ġenituri u t-tfal jagħmlu ħilithom u jaqdu dmirhom. Kull membru tal-familja irid isir il-qaddej ta' l-oħrajn.'*** Huwa fl-għoti tiegħu innifsu lill-oħrajn li l-bniedem isib il-milja u l-ferħ veru. ***'Il-periklu kbir għall-familja llum huwa li f'soċjeta' fejn l-idoli huma l-pjaċir, il-kumdita' u l-indipendenza, il-bniedem jagħlaq qalbu u jsir egoist.'*** Qal illi ***'l-imħabba vera ma tagħmilx kundizzjonijiet; ma tikkalkulax u ma tgergirx, imma sempliċiment tħobb.'***

Kien imħasseb dwar dak li qegħdin jiġu mitmugħa ż-żgħażagħ fid-dinja tal-lum: ***'Iż-żgħażagħ huma mhedda...bl-użu ħażin tar-reklami li jinkoraġġuhom biex jevitaw ix-xogħol u s-sagrifiċċju u jwegħduhom is-sodisfazzjon ta' malajr għal kull xewqa li jkollhom.'*** Darba minnhom liż-żgħażagħ qalilhom: ***'Jiena żagħżugħ ta' 83 sena!'***

*Dan l-artiklu huwa s-seba' wieħed minn sensiela li għandna dwar il-Beatu Gwanni Pawlu 11.............inkomplu xahar ieħor*

# Ħajja u Ħidma – Awissu 2012

**L-Erbgħa 1**: Mill-lejla u tul il-ġurnata ta' għada 2 t'Awwissu tintrebaħ l-Indulġenza plenarja tal-Porziuncola, bi qrara u tqarbina u Viżta fi Knisja Franġiskana.

**Il-Ħamis 2** Festa ta' Sidtna Marija tal-Porziuncola. Fl-10.30am tluq minn ħdejn il-Knisja għas-Seminarju Tal-Virtu' biex nieħdu sehem fl-Adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti.

**Il-Ġimgħa 3** L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 4:** L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Fis-6.00pm tibda l-adorazzjoni fil-Knisja. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.

**Is-Sibt 11:** Festa ta' Santa Kjara.

**It-Tlieta 14** :Festa ta' San Massimiljanu Kolbe. 7.00pm Il-quddiesa ta' fil-għaxija tkun tgħodd għal għada Jum Santa Marija.

**L-Erbgħa 15:** Solennita' ta' Santa Marija. Huwa l-obbligu tal-Quddies. Il-Quddies ikun bħal tal-Ħadd, fis-6.00am, fit-8.30am u fis-7.00pm.

**Is-Sibt 25:** F'dan il-weekend issir il-ġabra speċjali għall-parroċċa.
**u l-Ħadd 26**

**It-Tlieta 28:** Fis-6.00pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja Parrokkjali.

**Il-Ħamis 30:** Wara l-quddiesa ta' fil-għaxija ser issir l-Adorazzjoni tas-soltu, fejn isir talb b'risq Jum il-Missjoni Franġiskana li ser jiġi organizzat fil-parroċċa tagħna fil-weekend ta' l-1 u t-2 ta' Settembru li ġej.



# MARATONA 2012

FIC-CENTRU PARROKKJALI SANT ANTNIN TA PADOVA FI TRIQ P.WISTIN MAGRO IS-SIBT 15 U L-HADD 16 TA SETTEMBRU 2012 NIBDEW IS-SIBT FL-10.00 AM QUDDIESA GHAT-TFAL KOLLHA TAL-PARROCCA FLIMKIEN MAL-GENITURI TAGHHOM. WARA JSIR LOGHOB GHAT-TFAL, MATUL IL-GURNATA. SAL-10.30.PM JSIRU DIVERSI ATTIVITAJIET OHRA BHAL NGHIDU AHNA KANT, ZFIN U ATTIVITAJIET OHRA LI ZGUR SER JOLQTU LIL KULHADD. IL-HADD UKOLL SER TIGI CCELEBRATA QUDDIESA FL-10.00 AM GHAL KULHADD FL-ISTESS CENTRU U WARA JKOMPLU DIVERSI ATTIVITAJIET MATUL IL-GURNATA LI JOLQTU KEMM LILKBAR U Z-ZGHAR.fIS-SERATA TA FIL-GHAXIJA TAL-HADD SER JALLEGRANA L-MAJSI U L-CAST TA DEJÁ VU MA DIVERSI KANTANTI , ZFIN U AKTAR. S-INTENNDI KEMM IS-SIBT U L-HADD SER JAGHTU L-KONTRIBUT TAGHHOM IL-PRE-YOUTHS U Z-ZGHAZAGH KBAR U ZGHAR TAL-PARROCCA TAGHNA. iKEL S-INTENDI MHUX SER JONQOS KEMM GHAS-SIBT U L-HADD F-NOFS IN-NHAR U ANKE FIL-GHAXIJA.

MELA HALLU DAWN IL-JUMEJN LIBERI GHAX ZGUR LI SER IKUNU TA GOST U ANKE TA DIVERTIMENT GHALL-FAMILJI KOLLHA TAL-PARROCCA TAGHNA. FIL-HARGA TAL-FULJETT TA SETTEMBRU JKOLLKOM IL-PROGRAMM SHIH U DETTALAJT.

NARAWKOM MELA
IS-SIBT 15 U L-HADD 16
TA SETTEMBRU 2012
FI-CENTRU PARROKKJALI
TAGHNA.
N I L T A Q G H U.



# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## L-istima tagħna nfusna

Naħseb li kemm-il darba smajna t-terminu 'l-istima tagħna nfusna' jintuża, speċjalment fuq il-media. Jista' jkun li dawk minkom li intom ġenituri smajtu dan it-terminu jintuża permezz tat-tfal tagħkom, għax dawn jiġu edukati dwar dan is-suġġett f'ċertu lezzjonijiet bħalma huma dawk tal-iżvilupp personali u soċjali. Pero' huwa mportanti nemfasizzaw li dan it-terminu ma japplikax biss għat-tfal. Dan it-terminu japplika għal kulħadd. Kull persuna, għanda kemm għandha eta' għandha tirrispetta u tistma lilha nnifisha.

Tajjeb li qabel ma tkompli taqra tieqaf tirrifletti ftit dwar kemm inti tirrispetta lilek innifsek. Dawn il-mistoqsijiet li ġejjin jistgħu jgħinuk fir-riflessjoni tiegħek:

- ❒ Meta jkolli opinjoni differenti minn tal-bqija tan-nies li nkun magħhom (per eżempju, grupp ta' ħbieb jew ta' qraba), jien inħoss li mela m'għandix raġun u niibda naqbel mal-maġġoranza?
- ❒ Meta xi ħadd ma jirrispettanix, x'nagħmel nipprova ma nagħtix kas, jew inżomm f'qalbi għalih? Jew iinkella niddeċiedi li nitkellem miegħu u nurieh li bl-aġir tiegħu lili weġġagħni?
- ❒ Meta jkolli bżonn l-għajnuna tal-oħrajn, nitlobha din l-għajnuna, jew nippreferi nbati iżjed jien milli nistaqsi lil xi ħadd jgħini?
- ❒ Meta nħoss li batejt x'inġustizzja x'soltu nagħmel? Ngħid 'paċenzja ġiet ħażin', jew bl-edukazzjoni nindirizza l-inġustizzja li nkun batejt?
- ❒ Matul il-ġurnata meta naħseb dwari nnifsi, il-maġġoranza tal-ħsibijiet tiegħi ikunu ħsibijiet pożittivi jew negattivi?
- ❒ Jien kemm nieħu ħsieb tiegħi innifsi, ta' saħħti u tad-dehra tiegħi, jew jien dejjem niġi l-aħħar?
- ❒ Jien kemm nagħti kas li niżviluppa t-talenti tiegħi, jew dejjem inħeġġeġ lit-tfal u nissapportja lilhom fil-waqt li jien ma nagħmel xejn għalija nnifsi?

Naħseb li dawn ir-risposti għandhom jgħinuk tara jekk inti tistmax u tirrispettax lilek innifsek. Jien ċerta li fostkom li qed taqraw hemm minkom li qed tgħidu 'eh, imma jien għalija t-tfal l-ewwel, għalhekk ma tantx qed nieħu ħsieb tiegħi innifsi u nagħti kas li niżviluppa lili nnifsi'. Bla dubju t-tfal jeħdulek ħafna ħin, u jridu ħafna attenzjoni iżda huwa minnu wkoll illi huwa l-eżempju li jkaxkar, u għalhekk jekk aħna rridu li t-tfal tagħna jkollhom stima għolja tagħhom infushom u jkunu jemmnu li huma kapaċi u jemmnu fihom infushom, irridu aħna stess, bħala adulti li nieħdu ħsiebhom nagħtuhom eżempju. Mhux biżżejjed li nippriedkawlhom biss, jew li jisimgħu dwar dan is-suġġett l-iskola, huwa mportanti ħafna wkoll illi jaraw lilna nieħdu ħsieb tagħna nfusna u nagħtu kas li nkomplu niżviluppaw l-abiltajiet tagħna wkoll u mhux biss inħeġġu lilhom jiżviluppaw tagħhom.

B'hekk nawgura lil kulħadd li jitgħallem jistma aktar lilu nnifsu u jemmen fl-abiltajiet tiegħu/tagħha; b'dan il-mod kemm aħna kif ukoll it-tfal tagħna u dawk ta' madwarna jibdew jirrispettawna aktar u jitgħallmu li huwa mportanti għalihom ukoll li jemmnu fihom infushom.

Daniella Zerafa





# Daħlu membri fil-Knisja Kattolika fil-Parroċċa tagħna bejn Jannar u Ġunju 2012

| | | |
|---|---|---|
| 7 ta' Jannar | - | Mason Sperandeo |
| 19 ta' Frar | - | Julian Paul Degiorgio |
| 19 ta' Frar | - | Karemm Spiteri |
| 3 ta' Marzu | - | Carl Thorne |
| 7 t' April | - | Yan D'Amato |
| 8 t'April | - | Andrew Dane Mifsud |
| 8 t'April | - | Megan Mallia |
| 21 t'April | - | Zane Attard |
| 6 ta' Mejju | - | Steve Zarrouk |
| 6 ta' Mejju | - | Jaden Zammit Armeni |
| 2 ta' Ġunju | - | Kyle Attard |
| 3 ta' Ġunju | - | Isaac Bonniċi |
| 3 ta' Ġunju | - | Emily Schembri |
| 29 ta' Ġunju | - | Isaac Micallef |



# Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ bejn Jannar u Ġunju 2012 fil-Parroċċa tagħna jew f'Parroċċi oħra

| | |
|---|---|
| 14 t'April | Gilbert Bonniċi u Angelique Camilleri |
| 21 t'April | David Basile u Guilia Bianchi |
| 1 ta' Mejju | Darren Pisani u Dorianne Attard |
| 26 ta' Mejju | Mark Buttiġieġ u Denise Camilleri |
| 8 ta' Ġunju | George Bartolo u Fiona Leonardi |
| 29 ta' Ġunju | Andreas Azzopardi u AnneMarie Briffa |



# Ngħaqdu mal-Mulej fil-Ħajja ta' Dejjem bejn Jannar u Ġunju 2012.

| | | |
|---|---|---|
| 6 ta' Frar | Carmelo Farrugia | 91 sena |
| 7 ta' Frar | Emanuela Galea | 99 sena |
| 9 ta' Frar | Tessie Aġius | 64 sena |
| 18 t'April | Salvina Bonniċi | 88 sena |
| 25 ta' Ġunju | Ġolu Gauċi | 89 sena |

# Tajjeb Tkun Taf

- Fl-1 u t-2 ta' Settembru se jiġi ċċelebrat Jum il-Missjoni Franġiskana mis-segretarjat tal-missjonijiet tal-Provinċja tagħna. Qed jitqassam fuljett dwar din il-ħidma.

- Nixtiequ nfakkru fid-dmir tal-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom għal Katekiżmu. Fis-26 ta' Settembru it-tfal kollha u intom il-ġenituri niltaqgħu fil-Knisja għal quddiesa tal-ftuħ tas-sena katekettika 2012/2013. Dak in-nhar jingħataw id-dettalji kollha. Il-ġenituri tat-tfal li f'Settembru jidħlu fil-Year 1 jekk jogħġobkom ġibu magħkom iċ-ċertifikat tal-magħmudija tal-kappillan tat-tifel jew tifla.

PROSIT U GRAZZI LIL KULĦADD
TAL-FESTA SABIĦA LI
FLIMKIEN BĦALA PARROĊĊA
ĊĊELEBRAJNA F'ĠIEH
IL-QALB BLA TEBGĦA TA'
MARIJA